MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2019

Rikors Maħluf Numru 855/2016 LM

**John (John Mary) Darmanin (KI 53976M)**

***vs.***

**Shelly Dimech (KI 321492M) u Atlas Insurance PCC Limited (C 5601)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fis-27 ta' Settembru, 2016 mill-attur **John (John Mary) Darmanin** (K.I. 53976M) (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minnu stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi nhar id-disgħa u għoxrin ta' Settembru 2014, seħħ inċident awtomobilistiku fit-Triq id-Dejma, Fgura meta waqt illi l-konvenuta Shelly Dimech kienet qiegħda ssuq il-vettura tat-tip KIA Avella, bin-numru ta' reġistrazzjoni EBD 774, assigurata mal-kumpannija konvenuta Atlas Insurance PCC Limited permezz tal-polza ta' assigurazzjoni bin-numru: 103788502001 ħabtet ġol-vettura bin-numru ta'*

*reġistrazzjoni JQZ 543 li kienet qiegħda tiġi misjuqa mill-esponenti John (John Mary) Darmanin;*

2. *Illi dan l-inċident seħħ unikament u esklussivament minħabba negliġenza grassa, traskuraġni, b'nuqqas ta' ħila u tħaris tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta Shelly Dimech li tilfet il-kontroll tal-vettura misjuqa minnha, marret fuq in-naħa l-oħra tat-triq u ħabtet fil-vettura misjuqa mill-esponenti John (John Mary) Darmanin;*

3. *Illi kaġun ta' dan l-inċident, l-esponenti John (John Mary) Darmanin sofra u għadu jsofri danni konsistenti kemm f'damnum emergens kif ukoll f'lucrum cessans u dana peress illi huwa sofra debilità permanenti f'persuntu u għadu sal-lum ibati l-konsegwenzi ta' dan l-inċident kif ser jirriżulta ampjament matul it-trattazzjoni ta' dina l-kawża;*

4. *Illi s-soċjetà konvenuta Atlas Insurance PCC Limited kienet l-assiguratriċi tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni EBD 774 fil-mument tal-inċident fuq imsemmi u għalhekk hija responsabbli sabiex tagħmel tajjeb għad-danni sofferti mill-esponenti a tenur tal-Ordinanza dwar l-Assikurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta) nonostante kwalunkwe restrizzjoni li jista' jkun hemm fil-polza ta' assigurazzjoni maħruġa għall-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni EBD 774 u dan kif jipprovdi l-Artikolu 12 tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta;*

5. *Illi minkejja illi l-konvenuti ġew interpellati sasbiex jersqu għal-likwidazzjoni u għall-ħlas tad-danni kkaġunati lill-esponenti John Darmanin kaġun ta' dan l-inċident permezz tal-ittra uffiċjali bin-numru: 2912/2016 ippreżentata nhar il-5 ta' Settembru, 2016, huma baqgħu inadempjenti;*

6. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;*

7. *Illi dawn il-fatti l-esponent jafhom personalment.*

*Għaldaqstant, wara illi jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u illi jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħidu l-konvenuti għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tal-esponenti illi qiegħed hawn jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenuta Shelly Dimech hija responsabbli għall-inċident illi seħħ nhar id-29 ta' Settembru, 2016 fit-Triq tad-Dejma, Fgura hawn fuq deskritt, f'liema inċident l-esponenti John (John Mary) Darmanin sofra debilità permanenti;*

2. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjetà konvenuta Atlas Insurance PCC Limited hija responsabbli in solidum mal-konvenuta Shelly Dimech versu l-esponenti għad-danni kollha sofferti mill-esponenti konsegwenza tal-istess inċident u dana ai termini tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. *Tillikwida d-danni sofferti mill-esponenti b'konsegwenza tal-imsemmi inċident, kemm damnum emergens kif ukoll lucrum cessans, jekk meħtieġ billi taħtar perit għal dan il-għan;*

4. *Tikkundanna u tordna lill-konvenuti sabiex in solidum bejniethom iħallsu lill-esponenti dawn id-danni hekk kif likwidati minn dina l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru: 2912/2016 ippreżentata nhar il-5 ta' Settembru, 2016 u bl-imgħaxijiet legali kontra l-konvenuti li huma minn issa stess inġunti in subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuti **Shelly Dimech** (K.I. 321492M) u ta' **Atlas Insurance PCC Limited** (C 5601) (minn issa 'l quddiem "il-konvenuti), li ġiet ippreżentata fit-18 ta' Ottubru, 2016, u maħlufa minn Dr Alessia Zammit McKeon (K.I. 550283M) debitament awtorizzata, li biha eċċepew:

1. *Illi fir-rigward tal-ewwel talba tar-rikorrent, l-esponenti Shelly Dimech tirrileva illi hija diġà aċċettat responsabbilità għall-inċident mertu ta' din il-kawża. Di fatti, hija rreġistrat claim mal-assikurazzjoni tagħha is-soċjetà esponenti Atlas Insurance PCC Limited, u ddelegat lill-istess assikurazzjoni sabiex tittratta hi mat-terz dwar l-inċident; tant illi l-imsemmija soċjetà esponenti Atlas Insurance PCC Limited diġà ħallset lir-rikorrent għad-danni materjali minnu subiti;*

2. *Illi hija għalhekk l-entità tad-danni pretiżi mir-rikorrent li qed tiġi kontestata. In partikolari huwa kontestat fejn ir-rikorrent qed jallega li, konsegwenza tal-inċident de quo, huwa ġarrab debilità permanenti tant illi l-konsulent ortopediku Mr Massimo Abela, fir-rapport tiegħu datat 20 ta' Ġunju 2016, ikkonkluda illi "Mr John Darmanin's chest injury is consistent with a strain of the costochondral junctions of the left 2nd to 6th ribs. The natural history of these injuries is one of spontaneous resolution of all the symptoms with absolutely no risk of respiratory sequelae. As such my opinion is that Mr John Darmanin has not suffered any permanent disability following the traumatic incident of the 29/09/2014" (Dok. MA1);*

3. *Għaldaqstant, jispetta lir-rikorrent il-prova skont il-liġi li qed isofri minn debilità permanenti u li tali debilità kienet konsegwenza diretta tal-istess inċident;*

4. *Illi, fi kwalunkwe każ, l-esponent m'għandux ibati spejjeż ġudizzjarji;*

5. *Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-28 ta' Jannar, 2019 fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Il-kawża odjerna ġiet istitwita mill-attur wara li seħħ inċident tat-traffiku fi Triq id-Dejma, limiti tal-Fgura meta vettura misjuqa mill-konvenuta Shelly Dimech baqgħet dieħla fil-vettura misjuqa mill-attur, u konsegwenza ta' dan il-vettura tal-attur baqgħet dieħla ġo siġra u wara ħabtet ma' ħajt. L-attur jgħid li konsegwenza tal-imsemmi inċident huwa baqa' jsofri minn uġigħ li qiegħed jillimitalu ħajtu, u fid-dawl ta' dan li qiegħed jitlob li jiġu likwidati favur tiegħu d-danni sofferti minnu.

Il-konvenuta min-naħa tagħha assumiet ir-responsabbilità għall-inċident inkwistjoni, għalkemm hemm kontestazzjoni da parti tal-konvenuti fir-rigward tat-talba tal-attur għal-likwidazzjoni tad-danni għal dak li huwa telf ta' qligħ futur soffert mill-attur.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Il-konvenuti min-naħa tagħhom esebew kopja tar-rapport mediku mħejji minn **Mr Massimo Abela**, konsulent ortopediku *ex parte*, fir-rigward tal-attur.[1] L-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri seħħ waqt li l-attur kien qiegħed jaqdi dmirijietu, u l-vettura misjuqa mill-konvenuta ħarġet minn *side street* u baqgħet dieħla fil-vettura misjuqa mill-attur, fin-naħa tax-xufier. Mal-impatt l-attur ħass uġigħ f'diversi bnadi ta' ġismu, iżda dakinhar li seħħ l-inċident ma fittix għajnuna medika. Kien biss xi ġranet wara li l-attur iddeċieda li jieħu parir mediku minħabba li l-uġigħ ippersista, li kienu sarulu testijiet mediċi. L-opinjoni medika tal-konsulent Mr Massimo Abela li eżamina lill-attur fl-20 ta' Ġunju, 2016 madwar wieħed u għoxrin xahar wara li seħħ l-inċident inkwistjoni, kienet illi:

> *"He suffered blunt injuries to the left pectoral region and the lower back and the right lower limb. The pain in the lower back and the right lower limb has settled completely, and an MRI scan of the lumbro-sacral spine did not reveal any traumatic lesions. Mr Darmanin continues to complain of pain and tenderness in the left pectoral region, namely at the level of the 2nd to the 5th costochondral junctions. Clinical examination today did not reveal any steps or deformities at the site of maximum tenderness to indicate possible dislocations of the costochondral*

[1] *A fol.* 11 tal-proċess.

*junctions or rib fractures. A chest radiograph including a lateral view excluded any possible fractures or dislocations.*

*Mr John Darmanin's chest injury is consistent with a strain of the costochondral junctions of the left 2nd to 6th ribs. The natural history of these injuries is one of spontaneous resolution of all the symptoms with absolutely no risk of respiratory sequelae. As such my opinion is that Mr John Darmanin has not suffered any permanent disability following the traumatic incident of 29/09/2014."*

L-attur li huwa membru tal-Korp tal-Pulizija sekondat bħala xufier mal-Qorti, fl-*affidavit* tiegħu[2] qal li fid-29 ta' Settembru, 2014 huwa kien qiegħed isuq bil-vettura uffiċjali tal-Qorti minn Trid id-Dejma, fil-Fgura, fid-direzzjoni lejn tal-Barrani, u seħħ inċident meta l-konvenuta li kienet qiegħda ssuq vettura tal-għamla Kia Avella baqgħet dieħla fil-vettura misjuqa minnu b'ċerta saħħa. Qal li konsegwenza tal-impatt, il-vettura tal-għamla Mercedes misjuqa minnu, daret fuq ġenb, u baqgħet dieħla f'arblu tad-dawl u wara ħabtet ma' ħajt. Qal li dak il-ħin il-konvenuta niżlet mill-vettura tagħha u marret tara jekk l-attur kienx weġġa' u hu kien weġibha li kellu uġigħ f'sidru u f'saqajh. L-attur qal ukoll li dak il-ħin il-konvenuta qaltlu li kienet sejra *interview* u ma kinitx taf x'inhi tagħmel. Żied jgħid li mal-impatt ħass uġigħ kbir f'sidru, f'ġenbu u f'saqajh, u meta mar fiċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Floriana, kienu qalulu li l-uġigħ kien riżultat tal-iskoss kbir li ħa. Qal li dan l-uġigħ baqa' m'għaddielu qatt, tant hu hekk maż-żmien l-uġigħ qiegħed jiżdiedlu minflok jonqos, u jkun hemm okkażjonijiet fejn ikollu jpoġġi bilqiegħda minħabba fl-uġigħ li jaqbdu. L-attur qal li hu jinsab imħasseb ħafna dwar il-futur tiegħu minħabba li ladarba jispiċċa mix-xogħol ta' xufier mal-Qrati, ser jiġi ttrasferit x'imkien ieħor fil-Korp tal-Pulizija, u minħabba li ma jiflaħx jagħmel xogħol ta' strapazz, jista' jkun li jkollu jnaqqas is-sigħat tax-xogħol u b'hekk jitlef ħafna mill-introjtu tiegħu. L-

[2] *A fol.* 17 tal-proċess.

attur ikkonkluda billi qal li dan l-inċident seħħ unikament minħabba negliġenza grassa, traskuraġni, nuqqas ta' ħila u nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta.

L-attur esebixxa wkoll kopja tar-rapport tal-Pulizija li sar wara l-inċident[3], flimkien ma' sensiela ta' ritratti li juru l-vetturi maħbuta wara l-inċident, kif ukoll id-danni fiżiċi li jidher li sofra l-attur konsegwenza tal-impatt bejn il-vetturi.[4] L-attur ippreżenta wkoll numru ta' ċertifikati mediċi u irċevuti b'rabta ma' visti li għamel għand diversi tobba u kura li ħa konsegwenza ta' dan l-inċident.

Ġie esebit ukoll kopja ta' rapport mediku redatt minn **Mr Carmel Sciberras**[5], il-konsulent ortopediku li eżamina lill-attur fl-20 ta' Settembru, 2016, madwar sentejn wara li seħħ dan l-inċident u li stabbilixxa li minħabba fl-impatt l-attur sofra ħsara fuq il-parti tax-xellug tal-kaxxa ta' sidru, fil-parti fejn issikka s-*seatbelt*. L-espert mediku qal li l-ħsara li ġrat fuq il-ġilda, fuq it-tessut ta' taħt il-ġilda, fil-muskoli u f'partijiet tal-kustilji tal-attur ma jirriżultawx mill-*x-rays,* iżda mit-testijiet li saru jirriżulta ħafna tbenġil. Qal ukoll li s-*soft tissues* ikunu fiequ wara l-inċident, iżda jkun għad hemm ħsara interna li tikkawża s-sintomi tal-uġigħ li l-attur baqa' jilmenta minnu wara l-inċident. Ix-xhud ikkonkluda li l-qagħda ta' saħħet l-attur jista' jkun li titjieb maż-żmien, iżda mhux kompletament. In vista ta' dan, ix-xhud qal li l-attur qiegħed isofri minn debilità permanenti ta' tnejn fil-mija (2%).

[3] *A fol.* 19 tal-proċess.
[4] *A fol.* 28 tal-proċess.
[5] *A fol.* 44 tal-proċess.

Fl-udjenza tat-2 ta' Novembru, 2016 il-Qorti ħatret lil **Mr Fredrick Zammit Maempel** bħala espert mediku sabiex wara li jeżamina lill-attur, jirrelata dwar il-konsegwenzi tal-inċident fuq l-istat ta' saħħa tal-attur, u jekk konsegwenza tal-istess inċident l-attur sofriex xi debilità permanenti u f'liema grad. L-espert maħtur mill-Qorti ppreżenta r-relazzjoni tiegħu fit-28 ta' Novembru, 2016, fejn qal li mill-eżami li għamel fuq l-attur, ma rriżulta li hemm ebda nuqqas funzjonali jew anatomiku. L-attur baqa' jilmenta minn uġigħ f'uħud mill-kustilji, u wġigħ fil-muskolu *pectoralis* tax-xellug. L-espert mediku qal li l-attur m'għandu ebda nuqqas nevroloġiku, u r-ritratti tax-xewka tad-dahar li ttieħdu erbatax-il xahar wara l-inċident, ma wrew l-ebda patoloġija fl-irkiekel jew fil-kuxxinetti tas-sinsla torakali jew ħsara minn trawma fil-kustilji. Il-konklużjoni tal-espert maħtur mill-Qorti kienet li l-attur ma sofra ebda debilità permanenti konsegwenza tal-inċident inkwistjoni.

L-attur ippreżenta l-*affidavits* ta' diversi persuni li huma viċin tiegħu, fosthom ta' **Duncan Mifsud**[6], kollega tal-attur għal madwar ħames snin, li qal li wara l-inċident l-attur kien ċempillu u qallu li kien involut f'inċident waqt li kien qiegħed isuq il-karozza tal-Qorti. Ix-xhud qal li wara l-inċident, l-attur baqa' jilmenta minn uġigħ f'sidru, u kien hemm drabi fejn l-attur lanqas kien jiflaħ iħalli s-*seatbelt* fuqu minħabba fl-uġigħ f'sidru. Ix-xhud qal li wara l-inċident l-attur għamel żmien izappap, iżda jidher li din il-problema kienet marret biż-żmien.

*Affidavit* ieħor ippreżentat mill-attur kien dak ta' **Rachel Azzopardi**[7], li qalet li hija ilha tgħix mal-attur għal diversi snin, u filwaqt li qabel l-inċident hi qatt ma

[6] *A fol.* 62 tal-proċess.
[7] *A fol*. 63 tal-proċess.

rat lill-attur jieħu xi pilloli jew mediċina, madanakollu wara l-inċident dan baqa' jieħu diversi pilloli sabiex itaffi l-uġigħ li beda jkollu wara l-inċident. Żiedet tgħid li jkun hemm drabi meta l-attur anki jqum billejl u jilmenta li ma jkunx jista' jorqod minħabba l-uġigħ f'sidru. Qalet li anki waqt is-sewqan, hi tinnota li l-attur jaġġusta s-*seatbelt* sabiex jevita li dan jikkawżalu pressjoni fuq sidru. Ix-xhud żiedet tgħid li filwaqt li qabel l-inċident l-attur kien jinqala' biex jagħmel ħafna xogħol, fosthom xogħol fuq karozzi, wara l-inċident hu safa limitat minħabba li kif jistrapazza, jibda jħoss l-uġigħ u jkollu jieqaf minn dak li jkun qiegħed jagħmel.

L-attur ippreżenta wkoll l-*affidavit* ta' **Angelo Cutajar**[8], li ukoll kien jaħdem mal-attur, li qal li wara l-inċident li kellu l-attur, dan baqa' dejjem jilmenta minn uġigħ f'sidru, partikolarment meta jilbes is-*seatbelt* waqt is-sewqan. Dan ix-xhud ikkonferma wkoll li l-attur baqa' jzappap għal xi żmien wara l-inċident, għalkemm jidher li din il-problema taffiet biż-żmien. Ix-xhud ikkonkluda billi qal li jkun hemm drabi meta l-attur jeħtieġlu jmur għall-kura jew għat-terapija u hu kien jibqa' x-xogħol minfloku.

Permezz ta' nota ppreżentata mill-attur fis-7 ta' Frar, 2017, l-attur talab li ssir il-ħatra ta' periti addizzjonali sabiex jeżaminawh u jirrelataw dwar il-kundizzjoni ta' saħħtu wara l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri.[9] Permezz tad-digriet tagħha tad-9 ta' Mejju, 2017[10], il-Qorti ħatret lil Mr Ray Gatt, lil Mr Anthony Bernard u lil Mr Thomas Azzopardi bħala esperti mediċi addizzjonali sabiex jeżaminaw lill-attur u jirrelataw dwar jekk konsegwenza tal-imsemmi inċident, dan baqax isofri minn debilità permanenti u f'liema grad.

[8] *A fol.* 64 tal-proċess.
[9] *A fol.* 65 tal-proċess.
[10] *A fol.* 69 tal-proċess.

L-attur **John (John Mary) Darmanin** xehed waqt l-udjenza tal-21 ta' Ġunju, 2017[11], u beda billi spjega d-dinamika tal-inċident. Qal li hekk kif seħħ l-impatt mal-vettura misjuqa mill-konvenuta, infaqgħu ż-żewġ bibien tal-vettura li kien qiegħed isuq hu, u wara ġie mitfugħ f'arblu tad-dawl u baqa' dieħel f'ħajt. Qal li mal-impatt hu ħass uġigħ anki f'saqajh, għalkemm irnexxielu joħroġ mill-vettura. Żied jgħid li kien biss wara xi żmien li huwa mar għal parir mediku, u dan wara li l-uġigħ baqa' jippersisti. L-attur qal li ż-żewġ vetturi kienu assigurati mal-istess soċjetà assikuratriċi, is-soċjeta konvenuta, u meta hu avviċina lill-kumpannija tal-assikurazzjoni dawn kienu qalulu li kienu ser iħallsuh tal-ispejjeż li kien qiegħed jagħmel. Żied jgħid però li meta mar għand is-soċjetà tal-assikurazzjoni u ħadilhom l-irċevuti tal-ispejjeż li kien għamel, dawn qalulu li ma kinux ser iħallsuh u qalulu biex jiftaħ kawża. L-attur qal li hu fetaħ il-kawża għax kien baqa' muġugħ u minħabba l-biżgħa li ser jibqa' jsofri għal għomru kollu minn dan l-uġigħ li qiegħed jaffettwalu ħajtu. Qal li l-uġigħ ta' saqajh u ta' jdejh għaddielu, madanakollu għadu jbati minn uġigħ fil-kaxxa ta' sidru, fi spallejh u f'għonqu, u dan minħabba li l-impatt bejn il-vetturi ma kienx wieħed żgħir. L-attur qal li l-vettura misjuqa minnu sofriet ħsarat li swew madwar għaxart elef Euro, u min-naħa tas-soċjetà konvenuta kienu qalulu li l-ħtija għall-inċident kienet tal-konvenuta. Ix-xhud qal li jkun hemm drabi fejn tant ikun muġugħ fil-kaxxa ta' sidru li jibda jħoss in-nifs jinqatagħlu. Qal ukoll li l-konsegwenzi ta' dan l-inċident ħallew impatt fuq il-ħajja soċjali u lavorattiva tiegħu minħabba li anki meta jkun qiegħed isuq u jipprova jibdel il-*gear,* iħoss l-uġigħ. L-attur wera t-tħassib tiegħu dwar x'ser jiġri minnu fir-rigward ta' xogħol ladarba jispiċċa mix-xogħol ta' xufier mal-Qorti. Ix-xhud esebixxa kopja

[11] *A fol.* 76 tal-proċess.

ta' riżultat ta' *stress test* li sarlu[12], sabiex jiġi stabbilit li m'għandux problemi f'qalbu li qegħdin jikkawżawlu dan l-uġigħ.

L-esperti mediċi addizzjonalli maħturin mill-Qorti eżaminaw lill-attur fis-27 ta' Settembru, 2017 u rrediġew ir-rapport tagħhom fit-18 ta' Novembru, 2017.[13] L-esperti kkonkludew li:

> *"Mr John Mary Darmanin suffered a seat belt injury with contusions to the left shoulder and left anterior chest wall after being involved in a collision whilst driving his car.*
>
> *As a result of the accident Mr John Mary Darmanin experienced physical pain. He had residual bother in the left shoulder and anterior chest wall with mild limitation of function, affecting his ability to carry out his part-time job as a mechanic. Imaging studies carried out after the accident on 29th September 2014 have failed to show any significant musculoskeletal pathology, in keeping with a diagnosis of myofascial pain.*
>
> *Taking into account the nature of the injuries sustained on 29th September 2014, we should conclude that no further improvement should be expected. In our opinion Mr John Mary Darmanin has sustained a permanent disability of 2%, as per section IIIDa1 of 'Emendi fil-Liġi dwar Danni Ċivili'. (Ref. 1)."*

L-attur ippreżenta prospett dwara id-danni pretiżi minnu permezz ta' nota tas-7 ta' Frar, 2019.[14]

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Il-konvenuta fl-ewwel eċċezzjoni tagħha tgħid li hija diġà ammettiet ir-responsabbilità għall-inċident *de quo*, u għalhekk m'hemmx għalfejn li l-Qorti toqgħod teżamina l-provi miġjuba dwar id-dinamika tal-inċident sabiex

[12] *A fol.* 82 tal-proċess.
[13] *A fol.* 100 tal-proċess.
[14] *A fol.* 123 tal-proċess.

tistabbilixxi hemmx responsabbilità da parti tal-konvenuta jew le, għaliex din min-naħa tagħha diġà  assumiet il-ħtija ta' dak illi ġara.

Il-Qorti tirrileva wkoll li minkejja l-eċċezzjoni tal-konvenuti li s-soċjetà konvenuta diġà ħallset għad-danni materjali subiti mill-attur, madanakollu ma nġabet ebda prova ta' xi ħlas sar mis-soċjetà konvenuta u skont dak li xehed l-attur, jidher li kienu biss l-ispejjeż marbuta mal-ħsara li sofriet il-vettura li kienet qiegħda tinstaq mill-attur fil-ħin tal-inċident, li fil-fatt sar il-ħlas tagħhom mis-soċjetà konvenuta.

*Damnum Emergens:*

L-attur esebixxa għadd ta' irċevuti marbuta ma' visti mediċi u spejjeż li huwa għamel għax-xiri ta' mediċini u kura oħra li ħa konsegwenza tal-inċident inkwistjoni. L-attur qal ukoll li minkejja li hu inkorra spejjeż oħra, speċjalment fl-ewwel ftit ġimgħat wara li seħħ l-inċident, hu ma żammx kopji tal-irċevuti relattivi minħabba li qatt ma basar li kien ser jiftaħ kawża l-Qorti biex jitlob kumpens għad-danni li sofra. Il-Qorti madanakollu tirrileva li f'kawża għal-likwidazzjoni tad-danni materjali jew danni attwali sofferti mill-attur, l-aqwa prova li tista' tinġieb hija kopja tal-irċevuti għall-ispejjeż li jkunu saru, u l-Qorti ma tistax talloka danni ipotetiċi abbażi tal-prezz ta' mediċina partikolari u trid tinġieb prova li tali mediċina verament ġiet mixtrija bil-prezz stabbilit fis-suq. F'dan ir-rigward l-irċevuti pprezentati mill-attur fir-rigward ta' spejjeż inkorsi minnu jammontaw għal erba' mija u tmienja u ħamsin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€458.94).[15] Il-Qorti trid tippreċiża wkoll li jistgħu jiġu likwidati biss

[15] *Fol.* 31 - €55; *fol.* 33 - €10; *fol.* 34 - €70; *fol.* 35 - €10.37, €5.95, €17, €5 u €60; *fol.* 36 - €10; *fol.* 40 - €200 u *fol.* 42 - €15.62.

danni materjali attwali u ma jistgħu jiġu likwidati ebda danni materjali fejn jirriżulta li l-pretensjoni attriċi tkun rigward danni mhux sostanzjati imqar b'dikjarazzjoni maħlufa tal-attur. Bl-istess mod m'għandhomx jiġu likwidati ebda danni materjali fejn l-attur jippretendi li jiġu likwidati danni ipotetiċi bħat-talba li għamel għal nefqa li għadha ma saritx, imma li għad jista' jagħmel f'vettura li taħdem b'mod awtomatiku flok vettura li taħdem b'mod manwali[16], aktar u aktar meta l-attur naqas milli jippreżenta prova li tali nefqa ġiet rakkomandata mill-esperti mediċi li kien taħt il-kura tagħhom.

*Lucrum Cessans:*

F'sentenza mogħtija fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antione Cachia**[17], intqal:

> "Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."

Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hi regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'deċiżjoni mogħtija fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks**[18], ġie stabbilit illi:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi

[16] Ara para. 36 tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur.
[17] P.A., 18.02.2003.
[18] P.A., 27.04.2005.

imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

Il-Qorti tirrileva li fl-istadju tal-ġbir tal-provi ma nġabet l-ebda prova mill-attur fir-rigward tad-dħul li kien jipperċepixxi fiż-żmien meta seħħ l-inċident, u l-unika prova li nġabet f'dan ir-rigward tressqet fi stadju meta l-provi tal-partijiet kienu diġà ġew dikjarati magħluqa u konsegwentement ġie ordnat l-isfilz tagħha mill-atti. Anki s-salarju ċċitat mill-attur fil-prospett tad-danni pretiżi, apparti li ma tistax tittieħed konsiderazzjoni tiegħu minħabba li ma jirriflettix is-salarju tal-attur fiż-żmien rilevanti, mhuwiex korroborat minn provi oġġettivi ta' kemm kien id-dħul tal-attur fis-snin rilevanti. In vista ta' dan, il-Qorti sejra tikkalkula s-salarju bażiku tal-attur fuq komputazzjoni tal-paga minima nazzjonali għas-sena rilevanti, l-2014, li hi s-sena meta seħħ l-inċident inkwistjoni, meta l-paga minima nazzjonali kienet €8,615.36 gross jew €7,753.83 meta wieħed inaqqas il-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali. Il-paga minima nazzjonali għas-sena 2014 trid tiġi aġġustata abbażi tal-għoli tal-ħajja[19] għall-perijodu kollu tal-*multiplier*, sabiex b'hekk id-dħul bażiku li ser tkun qiegħda taħdem fuqu l-Qorti huwa ta' €7,753.83 + €9,093.69 / 2 = €8,423.76. Huwa dan l-ammont ta' salarju bażiku li l-Qorti ser tieħu għall-finijiet tal-komputazzjoni li trid tagħmel.

Il-*multiplier* huwa fattur pjuttost diskrezzjonali, għalkemm bħala regola huwa ġeneralment aċċettat li għal persuna fl-età ta' tmienja u tletin (38) sena, li hi l-

[19] F'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-19.05.2000 fl-ismijiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti stabbiliet illi, "Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier*." Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.96%, li hija r-rata medja tal-inflazzjoni fis-snin li għaddew skont l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika.

età li kellu l-attur fis-sena 2014, il-*multiplier* adottat għandu jkun ta' 18. F'sentenza fl-ismijiet **John u Laura konjugi Ransley *vs.* Edward u Lydia konjugi Restall**[20], il-Qorti qalet:

> "Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **Butler vs Heard** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Settembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ-*'chances and changes of life'*, b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-pensjoni.
>
> ...
>
> Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżerċizzju matematiku – għalkemm tali eżerċizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' **Butler vs Heard**, b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bħala *'lucrum cessans'* jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed in konsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu."

Fil-każ odjern, ġie stabbilit mill-espert mediċi addizzjonali li eżaminaw lill-attur wara dan l-inċident, li dan qiegħed isofri minn debilità permanenti ta' 2%. L-evoluzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed isir f'darba *(lump sum payment)*. Spiss kien jiġri li f'kawżi li kienu jdumu s-snin biex jinqatgħu, il-Qorti kienet tnaqqas 2% minn dan l-20% għal kull sena li kawża ddum biex tinqata' f'kawżi fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin

[20] P.A., 10.05.2005.

bejn id-data meta tiġi ppreżentata ċ-ċitazzjoni u s-sentenza. Madanakollu f'dan il-każ il-Qorti ma tarax li hemm lok għal tali tnaqqis. Il-kawża nfetħet fis-sena 2016 u l-proċeduri twalu mhux minħabba li xi parti jew oħra tawlet il-proċeduri inutilment, iżda minħabba li kien hemm żmien li fih kien hemm tentattivi bl-iskop li din il-kawża tiġi tranżatta.

Is-salarju medju ta' €8,423.76 x *multiplier* ta' 18 x 2% diżabilità permanenti sofferta mill-attur, iwasslu għal ċifra ta' €3,032.55 li meta ridotta b'20% *(lump sum payment),* tiġi elfejn, erba' mija u sitta u għoxrin Euro u erba' ċenteżmi (€2,426.04). Dan huwa l-*lucrum cessans* li ser jiġi likwidat mill-Qorti, liema danni l-Qorti qiegħda tistabbilixxi li jridu jitħallsu mill-konvenuti, sabiex b'hekk it-total tad-danni li għandhom jitħallsu mill-konvenuti lill-attur huwa ta' elfejn, tmien mija u erbgħa u tmenin Euro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€2,884.98).

<u>**Decide**</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti;**

2. **Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjetà konvenuta Atlas Insurance PCC Limited hija responsabbli *in solidum* mal-konvenuta Shelly Dimech versu l-attur għad-danni kollha sofferti minnu konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża u dana *ai termini* tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta;**

3. **Tillikwida d-danni sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-imsemmi inċident, kemm *damnum emergens* kif ukoll *lucrum cessans* fis-somma ta' elfejn, tmien mija u erbgħa u tmenin Euro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€2,884.98);**

4. **Tikkundanna u tordna lill-konvenuti sabiex *in solidum* bejniethom iħallsu lill-atturi d-danni hekk likwidati.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali mill-5 ta' Settembru, 2016, id-data tal-ittra uffiċjali nru: 2912/2016, sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenuti.**

Moqrija.